**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon LL.D. – Agent President**

**Onor. Imħallef Dr Abigail Lofaro LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima Ll.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Mejju 2018**

**Att ta' Akkuza**

**Nru. 1/2005**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

***omissis***

**u**

**Darren Charles Desira**

**Il-Qorti :**

**1**. Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-14 ta' Jannar 2005, kontra *omissis* u Darren Charles Desira li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża :

> **Fl-Ewwel Kap,** wara li ippremetta illi għall-ħabta ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed, il-Pulizija Maltija kisbet tagħrif li ċertu Joseph Sacco u Darren Desira kienu qegħdin imexxu l-mediċina perikoluża kokajina. Minn indaġini estensivi li l-Pulizija għamlet fuq firxa ta' xhur sħaħ, ġie stabbilit li Joseph Sacco kien miftiehem ma' persuni oħrajn, fosthom John Sultana u Joseph Borg, li allura kienu jaħdmu bħala xufier u steward mas-Sea-Malta rispettivament, sabiex idaħħal kwantita` kbira ta' kokajina f'Malta.
>
> Fil-bidu tat-twelid ta' dan il-ftehim, kien hemm involut ukoll Darren Desira li kienet il-persuna li laqqgħet flimkien ghal dan l-iskop Joseph Borg u John Sultana. L-ewwel attentat sabiex tigi importata f'Malta d-droga kien għall-ħabta tal-bidu ta' Gunju tas-sena 2001, pero` l-attentat ma ġiex realizzat ghal bosta raġuni.
>
> Sussegwentement, ġie miftiehem bejniethom attentat ieħor. Kien Joseph Sacco li għadda l-flus lil Darren Desira sabiex dana jieħu ħsieb idahhal id-droga f'Malta minn Sqallija. Darren Desira kien telaq minn Malta lejn l-Ingilterra fis-sitta ta' Dicembru, 2001, u kellu jirritorna lura fid-disgħa ta' Dicembru tal-istess sena. Waqt li kien l-Ingilterra huwa kien mar l-Olanda wkoll. Fl-istess perjodu kien imsiefer fl-istess pajjizi John Sultana, it-tnejn bil-ghan li tinxtara d-droga u tiddahhal f'Malta bil-bahar. Din l-operazzjoni kollha kienet iffinanzjata minn Ġużeppi Sacco, b'mod li ta' din il-bicca xoghol kollha John Sultana kellu jircievi tmint elef Lira Maltija bħala kumpens, mentri s-sehem ta' Joseph Borg bħala kumpens kellu jkun ta' madwar elf u ħames mitt Lira Maltija.
>
> Pero`, ad insaputa ta' kull wiehed minnhom, il-Pulizija Maltija kienet ilha tissorvelja l-agir u l-movimenti taghhom, tintercetta konversazzjonijiet telefonici u tigbed videos. Kien ghalhekk li l-istess Pulizija irnexxielha tisfratta din l-assocjazzjoni b'mod li ma tigix realizzata u thalli l-frott tagħha, u anke peress li l-Pulizija saret taf bi pjan imminenti li tiddahhal id-droga f'Malta.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija *omissis* u Darren Charles Desira saru ħatja talli assoċjaw ruhhom ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibigħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmija *omissis* u Darren Charles Desira hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibigħu jew jitraffikaw medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skont il-ligi, u illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 22, 30, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skont il-ligi tista` tinghata skont kif jiġu iddikjarati ħatja l-akkuzati.

**Fit-Tieni Kap**, wara li l-Avukat Generali ppremetta illi nhar l-erbatax ta' Dicembru tal-imsemmija sena 2001, f'xi hin wara l-għaxra ta' filghodu, dahal il-port ta' Malta il-vapur "Zebbug" tas-Sea Malta. Fuqu kien hemm John Sultana li kien qieghed igorr żewġ pakketti differenti kontenenti ċirka żewg kilos kokajina. Huwa kien ipprokura din il-kokajina għall-habta tal-ħdax ta' Dicembru ta' dik is-sena ġewwa Reggio, l-Italja, minghand persuna ta' nazzjonalita` Taljana injota u li kienet giet in kuntatt mieghu bis-sahha u bl-interventi ta' Guzeppi Sacco u Darren Charles Desira. Fuq l-imsemmi vapur, John Sultana kien qieghed jakkumpanja truck tieghu tad-ditta "Volvo" bin-numru JSP-663. Kif trakka l-imsemmi vapur, Joseph Borg tela' fuqu jiltaqa` ma' John Sultana u minghandu ha l-konsenja taz-zewg kilo kokajina sabiex jipprocedi halli jghaddiha lil Darren Desira u Guzeppi Sacco fl-inhawi ta' Manoel Island, fejn hemmhekk kienu qeghdin jistennew l-ahhar tnejn imsemmija fil-Mercedes bajda numru LAB-242 ta' Darren Desira.

Izda kif Joseph Borg kien fi triqtu lejn Darren Desira u Guzeppi Sacco, huwa gie intercettat u mwaqqaf mill-Pulizija hekk kif kien dlonk wasal fil-vicinanzi ta' Spencer Hill, Marsa, riekeb gewwa vettura Skoda. Ghalhekk, ghalkemm il-kokajina hawnhekk kienet fil-fatt giet impurtata f'Malta, b'danakollu hija ma lehqitx waslet ghad-destinazzjoni finali taghha f'idejn Guzeppi Sacco u Darren Desira, frott il-hidma u l-investigazzjoni estensiva u intensiva tal-Pulizija Maltija.

Is-sustanza kokajina hija ikkontrollata bil-ligi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ebda wiehed minn Guzeppi Sacco u Darren Charles Desira ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija *omissis* u Darren Charles Desira saru hatja talli importaw, gieghlu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tista` tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellhomx licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil kull wiehed minn *omissis* u Darren Charles Desira, ħatja talli importaw, giegħlu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tista` tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellhomx licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skont il-ligi, u illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed min hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 5, 6(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 9 tar-Regoli tal1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skont il-ligi tista` tinghata skont kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

**2.**Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-27 ta’ Novembru 2012 li bis-sahha taghha wara li l-akkuzat Darren Charles Desira rregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu fiz-zewg Kapi ta’l-Att ta’ l-Akkuza il-Qorti sabitu hati talli:

i. għall-habta ta’ Frar tas-sena 2001, talli assoċja ruħu ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

ii. nhar l-erbatax ta’ Dicembru tal-imsemmija sena 2001, talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista` tigi importata mediċina perikoluża (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

**3.** Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 2(1), 5, 6(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(c)(d), 22(f), 22(2)(b)(i), 26 u 26(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap. 101), u r-Regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 20, 22, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali ikkundannat lill-ħati Darren Charles Desira għall-piena ta' priġunerija ta’ tmintax-il sena kif ukoll multa ta’ €46,800 liema multa kellha titħallas fi żmien xahrejn u jekk ma titħallasx tkun konvertita fi priġunerija skont il-Liġi. Inoltre ikkundannatu iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe’ (elf mitejn u wieħed u ħamsin Ewro u sebgħa u tmenin centezmu (€1251.87) liema spejjeż peritali jekk ma jitħallsux jiġu konvertiti f’terminu ta’ priġunerija skont il-Liġi.Ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li

dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati.

**4.** Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq mill-akkuzat Darren Charles Desira tat-18 ta' Dicembru 2012 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata jew, alternattivament tvarjaha billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati skont l-att ta' l-akkuza u tirrevokaha fil-bqija u teroga piena li tirrispekkja c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**5.** Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Generali fit-30 ta' Marzu 2015.

**6.** Semghet trattazzjoni.

**7.** Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat,**

**8.** Illi l-appellant fir-rikors tieghu ta' l-appell iressaq essenzjalment zewg talbiet u cioe' fl-ewwel lok jitlob lil din il-Qorti tordna illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti ghar-ragunijiet hemmhekk infraskritti tigi annullata u alternattivament, fl-eventwalita' li din it-talba ma tigix milqugha, illi din il-Qorti tikkonferma dik il-parti fejn l-appellant gie misjub hati tar-reati lilu addebitati u tvarja l-piena inflitta.

**9.** Illi fl-ewwel aggravju minnu intentat l-appellant jitlob lil din il-Qorti tordna li tigi annullata mhux biss is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, izda ukoll il-proceduri li sehhew in prim'istanza fis-seduti tas-26 u is-27 ta' Novembru 2012 u cioe' mill-mument illi huwa rregistra l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi ta' assocjazzjoni u importazzjoni ta' kokajina 'il quddiem. Isejjes dan l-aggravju fuq dak li jara bhala vizzju li sehh fil-proceduri meta l-imparzjalita' tal-Imhallef li ppresjeda il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti giet kompromessa bil-fatt illi dan gie

mitkellem minn gudikant iehor sabiex tigi “kkargata” d-doza tal-piena li kellha tigi erogata fil-konfront tieghu konsegwenzjali ghall-ammissjoni tieghu. Dan il-fatt gie *a* konjizzjoni tieghu biss wara li kienet giet moghtija s-sentenza mill-Ewwel Qorti fejn huwa gie ikkundannat ghal piena ta’ 18-il sena prigunerija u ghal multa ta’ €46,800. Dan sehh iktar u iktar, fil-fehma tieghu, ghaliex il-gudikant ma gabx dan il-fatt a konjizzjoni tal-partijiet biex ghalhekk sofra pregudizzju rrimedjabbli meta ma nghatax il-jedd iwiegeb ghal dan il-fattur determinanti fil-gudizzju mghoddi kontra tieghu.

**10.** Illi huwa fatt inkontestat illi l-appellant, li kien debitament u abbilment assistit mid-difensuri tieghu, ghazel li jammetti b`mod inkondizzjonat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu. Dan sehh anke wara li saru tentattivi biex jintlahaq patteggjament fit-termini tal-ligi bejnu u l-Avukat Generali, u dawn ma irnexxewx. L-appellant, xorta wahda, izda, baqa` ghaddej u rregistra l-ammissjoni tieghu u ghalhekk jafda fid-diskrezzjoni tal-Qorti, sabiex wara li tisma’ s-sottomissjonijiet u l-provi kollha tal-partijiet marbuta mal-piena, teroga dik il-piena gusta u ewka fic-cirkostanzi tal-kaz.

**11.** Fil-fatt l-appellant jigi moghti l-opportunita’ li jressaq il-provi permezz tax-xiehda tal-ex-Assistent Kummissarju Neil Harrison u permezz tax-xiehda tieghu ukoll. Kienet michuda mill-Ewwel Qorti t-talba tal-appellant sabiex jigu annessi fl-atti, x-xiehda moghtija minn certu John Sultana, komplici tieghu, liema xiehda inghatat fil-kawza “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Hasan Ben Salah” li kienet deciza mill-Qorti Kriminali fis-16 ta’ Marzu 2009. Thalla pero` li jressaq lil dan John Sultana sabiex jixhed *viva voce*. L-appellant madanakollu ma iressaqx lil dan Sultana bhala xhud billi sahaq illi ladarba ma kellux kopja tax-xiehda moghtija fil-proceduri kriminali stitwiti kontra Ben Salah, ma kellux il-mezz sabiex jikkontrolla dak li kien ser ighid dan ix-xhud, u allura li jqis il-

kredibilita' ta' l-istess. Wara li semghet lix-xhud Harrison u lill-appellant, kif ukoll wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, halliet il-kawza ghas-sentenza[1].

**12**. Illi huwa fatt inkontestat ukoll illi fil-hin li l-Imhallef li ppresjeda l-kawza kien fis-sigrieta tieghu qieghed jikteb id-decizjoni, huwa gie avvicinat mill-ex-Imhallef Raymond Pace fejn dan qallu xi kliem bil-ghan illi jinfluwixxi fuq id-decizjoni tieghu dwar l-kalibrazzjoni tal-piena, liema decizjoni kienet giet fdata fid-diskrezzjoni tal-gudikant mill-partijiet. Dan jirrizulta mill-atti tal-kawzi "Il-Pulizija vs Raymond Pace" u "Il-Pulizija vs Sandro Psaila u Raymond Caruana", kopja ta' liema atti giet esebita fil-mori ta' dan l-appell. Minn dawn id-dokumenti, din il-Qorti kellha allura okkazjoni tara sahansitra t-traskrizzjoni tat-telefonati li sehhew bejn l-ex-Imhallef Pace u Psaila flimkien ma' dawk li gew skambjati bejn Caruana u Psaila u anke terzi persuni injoti. Mhux biss izda din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ix-xiehda moghtija mill-Imhallef Lawrence Quintano u l-ex Kummissarju John Rizzo, u l-Ex-Assistent Kummissarju Neil Harrison. Dawn il-provi kollha jippuntaw fid-direzzjoni li kien hemm kuntatt bejn l-ex-Imhallef Pace u l-Imhallef Quintano proprju dwar il-kaz issa taht il-lenti ta' din il-Qorti. Illi ghalkemm ma huwiex car x'diskors ezatt sehh bejn dawn it-tnejn, madanakollu huwa ndubitat illi xi diskors sehh tant illi l-Imhallef Quintano jishaq illi Pace kien ghaddielu xi kumment fuq is-sentenza li kien qed jikteb tant illi huwa hassu ferm skomdu f'din il-konversazzjoni. Jirrizulta ukoll minn dawn il-provi illi dan il-kuntatt bejn Pace u l-Imhallef Quintano sehh fuq istigazzjoni ta' Psaila u Caruana, ghalkemm l-Imhallef Quintano kien injar minn dan kollu.

**13**. Illi l-Imhallef li ppresjeda quddiem l-Ewwel Qorti u cioe' l-imhallef Lawrence Quintano jishaq illi ghalkemm huwa minnu li l-ex-Imhallef Raymond

[1] Ara verbali seduta 26/11/2012 u seduta 27/11/2012.

Pace seta’ qallu xi diskors fuq id-decizjoni li kien qed jikteb dak il-hin, madanakollu huwa ma tax kasu anzi ighid li xtaq ikeccieh ‘il barra injar ghal kollox, kif inghad, mill-ghan ulterjuri li kellu dak li kien kollega tieghu. Illi wara dan il-kuntatt, is-sentenza tinghata, sentenza motivata li qieset l-argumenti kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni u id-Difiza u r-ragunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex taghti kundanna ghal piena ta’ 18-il sena prigunerija u multa ta’ €46,800.

**14.** Maghdud ma` dan ghandu jigi rilevat illi l-mansjoni riposta f’idejn din il-Qorti mhijiex li tghaddi gudizzju dwar jekk f’dan ir-retroxxena hemmx htija ghal xi reat kriminali fil-konfront ta’ Pace, Psaila jew Caruana, kif jikkontendi l-Avukat Generali li din il-Qorti qed tigi mitluba li taghmel mill-appellant. Il-gudizzju li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dwar il-validita’ o meno tal-proceduri li sehhew quddiem l-Ewwel Qorti u allura tad-decizjoni moghtija minnha minhabba l-fatti li sehhew u jekk allura din il-Qorti ghandhiex is-setgha tannulla l-proceduri li sehhew quddiem l-Ewwel Qorti u s-sentenza li segwiet.

**Ikkunsidrat**,

**15.** Id-dritt illi persuna akkuzata tigi ggudikata minn imhallef imparzjali hija vitali f`kull sistema gudizzjarja. Fil-fatt hija wahda mill-pilastri tad-demokrazija illi il-qrati tal-gustizzja jagixxu b’mod indipendenti u imparzjali u dan fil-gudizzju moghti minnhom. Issa mhux l-ewwel darba illi xi parti f’litigazzjoni tqis illi l-mizien tal-gustizzja jkun qieghed ixaqleb kontra tieghu/taghha. Din l-allegazzjoni madanakollu mhux facilment li tigi ppruvata ghaliex dan il-hsieb hafna drabi huwa soggettiv, u mhux fondat fuq realta` oggettiva.

> **"The objective test of 'impartiality' is comparable to the English Law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this context the [European] Court [of Human Rights]**

**emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated, '[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to the impartiality can be 'objectively justified'.[2]"**

Dan ifisser allura illi l-imparzjalita' tal-gudikant sabiex jeradika id-decizjoni tieghu jrid jirrizulta b'mod oggettiv u mhux ghax il-parti jidhirilha li hekk sehh[3].

**16.** Issa fil-kaz tal-lum, dak illi qed jitqieghed ghall-gudizzju taghha mhuwiex l-integrita' tal-gudikant in kwistjoni li ta s-sentenza billi huwa ndubitat illi l-Imhallef li ppresjeda l-kawza quddiem l-Ewwel Qorti mexa b'mod rett u integru tul il-proceduri. Dan il-fatt qatt ma gie mqieghed in kontestazzjoni mill-partijiet. Dak li qed jikkontendi l-appellant huwa illi bil-fatt illi l-Imhallef Quintano gie mitkellem minn Imhallef Pace, li allegatament kien instigat minn terzi estranji ghall-kaz, sabiex jinfluwenzah fid-decizjoni tieghu dwar il-piena li kellha tinghata, iwassal sabiex id-decizjoni li giet moghtija giet ippregudikata minhabba f'dan il-fatt.

**17.** Illi l-artikolu 10 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jfassal il-gurament ta' lealta' u ta' kariga ta' l-Imhallfin, jaghmel riferenza specifika ghall-obbligu u responsabbilta' assunta minn kull gudikant li ma jikkomunikax, direttament jew indirettament, "**ma' ebda waħda mill-partijiet f'kawża f'waħda jew oħra mill-qrati superjuri jew inferjuri, lanqas mal-avukati jew prokuraturi legali tagħhom, lanqas ma' ħaddieħor, fl-isem ta' waħda jew oħra mill-partijiet, dwar kawża li tkun għad ma nqatgħatx, jew li tkun sejra tibda jew tissokta f**

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Merinrad Calleja deciza 23/01/2001 fejn gie iccitat da nil-bran mehud mill-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick

[3] Ara decizjoni Hauschildt vs Denmark ECHR (29/04/1989)

**’waħda mill-qrati hawn fuq imsemmija, barra minn fil-qorti bil-miftuħ, ħlief fil-każijiet li l-liġi ssemmi espressament; u li jiena nxandar fil-qorti bil-miftuħ, dawk il-komunikazzjonijiet li jsiruli u ngħarraf bihom lill-President tar-Repubblika.**"

**18.** Illi din id-disposizzjoni tal-ligi tirreferi ghal dawk il-komunikazzjonijiet li jsiru mill-partijiet fil-kawza jew mid-difensuri taghhom jew minn xi persuna li tkun qed tidher ghan-nom ta’ xi wahda mill-partijiet. Certament ma setghetx tikkontempla din is-sitwazzjoni straordinarja u *sui generis* fejn Imhallef ikun dik il-persuna li taghmel komunikazzjoni ma’ Imhallef iehor dwar gudizzju li jkun ser jinghata u dan ghal motivi estranji ghall-kaz. Illi allura fil-ftit kliem li inghad bejn dawn iz-zewg Imhallfin kollegi, zgur illi l-Imhallef Quintano qatt ma seta’ jobsor illi tali komunikazzjoni setghet saret fit-termini hawn fuq indikati fl-artikolu 10 tal-Kapitolu 12.

**19.** Din il-Qorti tistqarr dan ghaliex hija tal-konvinzjoni illi l-Imhallef li ppresjeda l-Ewwel Qorti certament ma setax jobsor illi bil-kliem li kien qed jinghad lilu huwa kellu l-obbligu li jimxi kif dispost f’din id-disposizzjoni tal-ligi. Illi madanakollu, bil-fatti li rrizultaw wara, u cioe’ illi din il-komunikazzjoni mill-ex-Imhallef Pace giet istigat, kif inghad, minn terzi estranji ghall-kaz, zgur illi allura twieled il-jedd ta’ l-appellant li jkun mgharraf b’din il-komunikazzjoni qabel ma tinghata s-sentenza sabiex b’hekk huwa jkun f’posizzjoni jirribatti ghaliha u jiddefendi ruhu minn xi influwenza potenzjali li setghet kellha effett fuq id-diskrezzjoni fdata lill-Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena fil-konfront tieghu, anke jekk fil-verita` din l-influwenza ma sehhitx, bl-Imhallef Quintano fix-xiehda tieghu fil-proceduri penali li ttiehdu kontra Pace, Psaila u Caruana jishaq illi tali influwenza ma avveratx ruhha, tant illi anke jispjega fid-dettall il-mod kif wasal ghall-kalibrazzjoni tal-piena.

**20.** Illi kull parti f'litigazzjoni ghandu jkollha l-opportunita` li tressaq il-kaz taghha lill-qorti billi taghmel dawk is-sottomissjonijiet kollha li jidhirlha xierqa u tressaq il-provi li fil-fehma taghha jistghu jsahhu l-posizzjoni taghha quddiemHa. Illi allura meta jkun jidher illi hemm dan in-nuqqas fil-proceduri gudizzjarji, il-parti aggravata ghandha tinghata l-jedd li tfittex rimedju skont il-ligi, iktar u iktar meta jinholoq is-suspett illi il-gudizzju moghti seta' ma kienx wiehed seren.

**Ikkunsidrat**,

**21.** Illi maghdud dan allura din il-Qorti trid tara x'rimedju ghandu l-appellant fil-parametri mfassla mil-ligi u dan issa fi stadju ta' revizjoni. Illi minn qari tar-rikors ta' l-appell ghandu johrog illi l-appellant qieghed b'mod ewlieni jitlob illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti tigi annullata minhabba vizzju li sehh tul il-proceduri, kif spjegat. L-appellant ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fl-Ewwel u it-Tieni Kapi tal-Att ta' l-Akkuza. Sal-mument li giet irregistrata l-ammissjoni tieghu jidher illi l-Imhallef li ppresjeda il-Qorti Kriminali kien ghadu ma giex avvicinat mill-ex Imhallef Raymond Pace. Illi allura din il-Qorti ma tqisx illi l-ammissjoni tieghu setghet kienet b'xi mod ippregudikata billi huwa kien abbilment assistit mill-avukati tieghu li kienu sahansitra ppruvaw jaslu ghal patteggjament mal-Avukat Generali liema patteggjament, kif inghad, ma rnexxiex. Illi allura kien minn hawn 'il quddiem illi l-appellant tefa' ruhu f'idejn il-Qorti sabiex fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi taghtih dik il-piena ekwa u gusta ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu.

**22.** Illi *"l-ordinament tal-procedimenti legali jemana biss u esklussivament mil-ligi kif mdawwla bl-interpretazzjoni taghha mill-qrati li ghandhom il-funzjoni li jaghtu t-tifsira awtentika tal-ligijiet tal-pajjiz. Hija wkoll il-ligi li tippreskrivi l-parametri tal-kompetenza ta' kull qorti u ebda qorti ma tista'*

*tohrog 'il barra minn dawk il-parametri ghaliex anki l-qrati huma soggetti ghall-ligi. Ghalhekk, jekk il-ligi ma taghtix dritt ta' appell minn xi decizjoni ta' xi qorti jkun isegwi li dak id-dritt ta' appell ma jkunx jezisti skont il-ligi.*[4]"

**23.** Illi fl-istorja legislattiva ta' pajjizna dik il-parti tal-Kodici Kriminali li titkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri taghha gie emendat b'mod spezzettat matul iz-zmien. Illi d-dritt ta` appell mill-gurijiet kien introdott fil-ligi taghna bl-Att XXV tal-1967, kif sussegwentement emendat sa ricentement fejn permezz ta' l-Att III tal-2002 kien introdott id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali mill-piena u minn punti ta' dritt f'verdett ta` liberazzjoni, u mbaghad bl-Att IV tal-2014 u bl-Att VIII tal-2015 twessa` dan il-jedd ta' l-appell ta' l-Avukat Generali, kif ukoll inghata l-jedd lill-parti leza sabiex taghmel is-sottomissjonijiet taghha ukoll fi stadju ta' revizjoni fuq is-sentenza.

**24**. Illi l-persuna kkundannata ghandha fit-termini tal-ligi il-jedd ghall-appell quddiem din il-Qorti kemm kontra d-dikjarazzjoni ta' htija, kif ukoll kontra s-sentenza u cioe' l-piena erogata konsegwenzjali ghal dik id-dikjarazzjoni ta' htija. L-artikolu 501 tal-Kodici Kriminali jfisser is-setghat li biha hija moghnija din il-Qorti f'dawn iz-zewg istanzi bis-sub-inciz (1) jiddisponi illi fuq dikjarazzjoni ta' htija il-Qorti ghandha:

> **tilqa' l-appell -**
> **(a) jekk jidhrilha li l-appellant kien ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża; jew**
> **(b) jekk jidhrilha li kien hemm irregolarità matul il-kawża, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett:**

---
[4]Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler deciza 26/02/2009 App.Sup.

**Iżda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skont il-paragrafu (b) jista' jkun deċiż favur l-appellant, tiċħad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.**

U fir-rigward tal-appell mis-sentenza is-sub-inciz (3) jiddisponi:

**"Fuq appell kontra sentenza mill-persuna misjuba ħatja, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha, jekk jidhrilha li missha ngħatat sentenza differenti, tħassar is-sentenza mogħtija fil-kawża, u tagħti dik is-sentenza l-oħra ġustifikata bil-liġi mill-verdett (li ma tkunx sentenza aktar gravi) minflok l-oħra kif jidhrilha li missha ngħatat, u f'kull każ ieħor għandha tiċħad l-appell."**

**25.** Illi huwa evidenti li s-setghat ta` din il-Qorti huma limitati meta jsir appell mill-persuna misjuba hatja. Ma jidhirx illi din il-Qorti fil-kompetenza superjuri taghha hija moghnija bis-setgha li thassar sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali billi tiddikjaraha nulla u bla effett skont il-ligi u li tordna is-smigh mill-gdid tal-kaz hlief fil-parametri specifikati fl-artikolu 508 tal-Kodici Kriminali, liema disposizzjoni tal-ligi ma tapplikax ghall-fattspecje unici ta' dan il-kaz. Dan ghaliex din id-disposizzjoni tikkontempla s-sitwazzjoni fejn ikun sar appell minn dikjarazzjoni ta' htija u fil-fatt jaghti s-setgha lil din il-Qorti li tordna li l-persuna akkuzata terga' tigi pprocessata ghar-reati lilha addebitati u dan meta jirrizultawlha c-cirkostanzi ndikati fis-subartikolu (1) tal-imsemmija disposizzjoni, fosthom allura, meta l-interessi tal-gustizzja hekk jenhtiegu li jsir. Mhux biss izda is-sub-inciz (3) jirrikjedi illi meta dan isehh l-Avukat Generali ghandu sahansitra johrog att ta' akkuza gdida, bix-xiehda jergghu jinstemghu mill-gdid sakemm ma jkunx hemm l-ezenzjoni mill-partijiet jew inkella fil-kaz illi xhud ikun lahaq miet, ma jistax jinstab jew ikollu xi nkapacita ohra li zzommu milli jitla' jixhed mill-gdid.

**26**. Issa fil-kaz tal-lum ma jidhirx illi l-appellant qieghed jikkontesta d-dikjarazzjoni ta' htija fid-decizjoni impunjata billi din kienet konsegwenzjali ghall-ammissjoni tieghu. Dak li qed jikkontesta l-appellant huwa d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti marbuta mal-*quantum* tal-piena li inghatat billi jishaq illi din setghet kienet konsegwenza ta' influwenza mhux mixtieqa ezercitata fuq l-Imhallef li kien qed jippresjedi l-kaz tieghu minn Imhallef iehor. Fil-fatt mill-mod kif huwa mfassal l-aggravju, l-appellant jikkontendi illi dak li sehh wara li giet registrata l-ammissjoni tieghu huwa vvizjat.

**27.** Illi d-difiza taghmel referenza ghal decizjoni meqjusa bhala gudizzju ewlieni fix-xorta tieghu moghti fl-Ingilterra fl-1924 fil-kawza **Rex vs Sussex Justices**. Il-fatti ta' dan il-kaz kienu jduru madwar l-iskrivan tal-Qorti li kienet qed tisma' kawza dwar incident tat-traffiku fejn gie allegat illi dan l-iskrivan kien membru fl-ufficju legali li kien involut fil-proceduri civili in konnessjoni ma' dan il-kaz. Inghad hekk f'dik id-decizjoni:

> **It is said, and, no doubt, truly, that when that gentleman retired in the usual way with the justices, taking with him the notes of the evidence in case the justices might desire to consult him, the justices came to a conclusion without consulting him, and that he scrupulously abstained from referring to the case in any way. But while that is so, a long line of cases shows that it is not merely of some importance but is of fundamental importance that justice should not only be done, but should manifestly and undoubtedly be seen to be done.**
>
> **The question therefore is not whether in this case the deputy clerk made any observation or offered any criticism which he might not properly have made or offered; the question is whether he was so related to the case in its civil aspect as to be unfit to act as clerk to the justices in the criminal matter. The answer to that question depends not upon what actually was done but upon what might appear to be done.**
>
> **Nothing is to be done which creates even a suspicion that there has been an improper interference with the course of justice.** (sottolinjar

tal-Qorti) **Speaking for myself, I accept the statements contained in the justices' affidavit, but they show very clearly that the deputy clerk was connected with the case in a capacity which made it right that he should scrupulously abstain from referring to the matter in any way, although he retired with the justices; in other words, his one position was such that he could not, if he had been required to do so, discharge the duties which his other position involved. His twofold position was a manifest contradiction.**

**In those circumstances I am satisfied that this conviction must be quashed, unless it can be shown that the applicant or his solicitor was aware of the point that might be taken, refrained from taking it, and took his chance of an acquittal on the facts, and then, on a conviction being recorded, decided to take the point. On the facts I am satisfied that there has been no waiver of the irregularity, and, that being so, the rule must be made absolute and the conviction quashed.**

**28.** Illi d-decizjoni hija msejsa fuq il-principji tal-gustizzja naturali li gew delinjati dettaljatament fid-decizjoni "Mary Zarb vs Emma Azzopardi" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Civili) fit-28 ta' Marzu 2007 fejn huwa mghallem illi :

**"Fir-rigward, din il-Qorti, f'sentenzi passati taghha, gja tat indikazzjoni ampja tan-nozzjoni ta' gustizzja naturali u tal-ksur taghha. Hekk, per ezempju, fis-sentenza taghha in re: "Joseph Debono –vs- Phonica Systems Ltd", 19 ta' Mejju 2004, issenjalat illi l-principju tal-gustizzja naturali kien komprensiv taz-zewg regoli tradizzjonali "nemo judex in causa propria" u "audi alteram partem". Issoktat tippreciza illi "ma' l-ewwel regola hu allacjat il-principju notorju ta' l-imparzjalita` u allura tan-necessita` li mhux biss issir gustizzja imma anke li jkun jidher manifest li gustizzja qeghda ssir (ara "Avv. Dr. Antonio Caruana -vs- Caterina Gerada", Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ottubru 1968). Fil-kaz tat-tieni regola din solitament tabbraccja kwalsiasi materja ta' "fair hearing" u tal-principju tal-"equality of arms" ("Antonio Sammut -vs- John Bell McCance", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Mejju 1946).**

**…… Apparti r-regola ta' l-imparzjalita`, li dwar il-ksur taghha ma tqanqal ebda aggravju, huwa pacifiku illi r-regola l-ohra suddetta tinkorpora fiha zzewg ingredjenti ta' "efficiency" u ta' "fairness". Ta' l-**

**ewwel hi marbuta mad-dewmien eccessiv fl-amministrazzjoni tal-gusitizzja (ara, b' ezemplari, "George Xuereb -vs- Registratur tal-Qrati et", Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Novembru 2004), li mhux il-kaz hawnhekk. Tat-tieni, u dak li l-aktar jinteressa l-kaz prezenti, hi kodici ta' procedura korretta u ta' "fair hearing";**

**Essenzjalment, fin-natura multiforma taghha din ta' l-ahhar tassumi dawn l-aspetti:-**

**(1) Id-dover li tinghata lill-partijiet fil-kawza l-opportunita` ragonevoli li jressqu l-provi u jaghmlu ssottomissjonijet taghhom;**

**(2) Id-dritt li s-setgha diskrezzjonali, affidata lil kull qorti jew tribunal, tkun ezercitata in relazzjoni ghall-materja ezaminata u ma tkun awtomatikament imxekkla minn ebda prekoncetti jew affetta minn "bias";**

**(3) Id-dritt li d-decizjoni tkun bazata fuq stharrig probatorju logiku u b' motivazzjoni sobrija li tindika r-ragunijiet ghaliex t-talba jew l-eccezzjonijiet ghaliha jkunu qed jigu milqugha jew michuda.**

**Fi kliem iehor, il-process ghandu jipproduci dik id-decizjoni akkurata li tirrifletti l-verifiki korretti ta' fatt u l-applikazzjoni tal-ligi."**

**29.** Illi kif diga` nghad huwa ndubitat illi l-Imhallef Lawrence Quintano ma kellu l-ebda interess fl-ezitu tal-kaz u ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm vjolazzjoni tal-principju *nemo iudex in causa propria*. Illi madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi l-kwistjoni li qanqal l-appellant dwar il-fatt biss illi huwa ma nghatax il-jedd iwiegeb, u dan qabel ma gie mghoddi l-gudizzju fil-konfront tieghu, ghal dak id-diskors li nghad lill-gudikant, liema diskors ma inghadx "*in open court*", anke jekk dak id-diskors ma kellu l-ebda influwenza fuq id-decizjoni tal-gudikant, seta' kien mittiefes il-principju l-iehor tad-dritt ghal smigh xieraq abbinat ma' l-principju ta' l hekk imsejjah *inequality of arms*. Illi l-mansjonijiet limitati li ghandha din il-Qorti, madanakollu jipprekluduha milli tistharreg din l-allegata lezjoni, ghalkemm jaghti l-jedd lill-appellant li jinstema'

l-ilment tieghu u jinghata rimedju fis-sens illi ikun hemm revizjoni fil-*quantum* tal-piena, li huwa r-rimedju li finalment l-appellant qieghed ifittex. Mhux biss izda, kif inghad, il-legislatur ma jaghti l-ebda setgha lil din il-Qorti li tordna n-nullita` ta' l-proceduri u tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hlief fil-parametri imfissra hawn fuq. Din hija s-setgha biss li ghandha l-Qorti Kostituzzjonali sabiex tfittex u tindaga jekk il-jedd tal-appellant ghal smigh xieraq giex vjolat minhabba l-fatti straordinarji li allegatament sehhew. Fuq kollox bil-fatt illi l-appellant ghandu jedd ghal revizjoni mid-decizjoni moghtija ifisser illi huwa f'posizzjoni iressaq l-argumenti kollha tieghu sabiex jipprova ixejjen dik id-decizjoni kif fil-fatt hekk jaghmel fl-aggravji li jsegwu u li din il-Qorti ser tiehu konjizzjoni taghhom. Ghal dawn il-motivi, u billi it-talba maghmula mill-appellant, u cioe' dik marbuta man-nullita` tas-sentenza impunjata hija nfondata fid-dritt, tichad l-ewwel aggravju.

**It-tieni aggravju**

**30**. L-appellant fit-tieni aggravju tieghu jipprotesta ghall-fatt illi l-Ewwel Qorti cahdet it-talba tieghu sabiex tigi inserita in atti x-xiehda moghtija minn certu John Sultana, komplici mieghu fil-kummissjoni tar-reat izda li kien gie iggudikat separatament minnu, liema xiehda kienet inghatat fil-kawza "Il-Pulizija vs Hasan Ben Salah", kif ukoll kopja ta' l-Att ta' l-Akkuza mahrug kontra l-istess Ben Salah mill-Avukat Generali. Din it-talba saret mid-difiza billi dehrilha li din il-prova setghet tkun determinanti meta l-Qorti tigi biex tqis il-piena idoneja ghall-fattispecje tal-kaz.

**31**. Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ghalkemm cahdet il-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti, ordnat li jixhdu quddiemha l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur Neil Harrison, li kien allura l-ufficjal tal-pulizija li mexxa l-

investigazzjonijiet marbuta ma' dan il-kaz ta' importazzjoni ta' droga fejn kienu assocjati diversi nies fosthom l-appellant, Guzeppi Sacco u Hasan Ben Salah, kif ukoll l-istess John Sultana. Illi d-difiza kienet ressqet din it-talba sabiex tispjega x'kien ir-rwol ta' l-appellant f'din l-assocjazzjoni, billi fil-fehma taghhom l-Avukat Generali fil-parti narrattiva tal-Att ta' l-Akkuza kien irrakkonta fatti li kienu nveritjieri ghaliex ibbazati fuq verzjoni moghtija minn Sultana f'dawn il-proceduri, liema verzjoni mbaghad kienet inbidlet meta huwa xehed fil-proceduri kontra Ben Salah ftit snin wara li kien hareg l-Att ta' l-Akkuza. Din il-prova "gdida", fil-fehma tad-difiza wasslet sabiex r-rwol tal-appellant f'dan ic-cirku kriminali kellu jirrizulta li kien wiehed sekondarju bl-appellant jinvolvi ruhu biss biex itella' lejn l-Olanda l-flus li ghaddielu Guzeppi Sacco li kien ko-akkuzat mieghu f'dawn il-proceduri u li lahaq miet nel frattemp qabel ma gie iggudikat. Dawn il-flus huwa kellu ighaddiehom lill-fornitur tad-droga, u cioe' lil Ben Salah. Jidher illi wara dan, l-appellant ma kienx involut fil-*modus operandi* marbut mal-importazzjoni fizika tad-droga lejn Malta billi ghal din il-parti tal-operazzjoni intrigaw John Sultana u certu Joseph Borg. Din it-talba saret allura sabiex l-Ewwel Qorti tkun f'posizzjoni ahjar tikkalibra il-piena, u dan meta jigi lilha spjegat ir-rwol ta' l-appellant f'din il-kongura kriminali.

**32.** Ghalkemm l-Ewwel Qorti semghet ix-xiehda ta' Harrison, kif ukoll dik ta' l-appellant, madanakollu id-difiza irrinunzjat ghas-smigh tax-xhud John Sultana. Tishaq id-difiza, issa fi stadju ta' revizjoni, illi dan ghamlitu ghaliex ladarba l-Ewwel Qorti kienet cahdet it-talba sabiex tigi esebita it-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Sultana moghtija fil-proceduri istitwiti kontra Ben Salah, allura ma kellhiex mezz sabiex tikkontrolla dak li kien ser ighid dan ix-xhud. Jishaq l-appellant illi id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali iccitati mill-Avukat Generali ma kenux japplikaw ghal dan il-kaz. Jishaq ukoll illi din il-Qorti ghandha s-setgha tordna l-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti u li allura

jinstema' x-xhud John Sultana u dan bis-setghat moghtija lilha bl-artikoli 506 u 507 tal-Kap.9.

**33**. Illi l-Ewwel Qorti hekk iddecidiet u dan kif johrog mid-digriet taghha tas-26 ta' Novembru 2012:

> **"Li f'dan l-istadju l-Qorti tista' tisma' xhieda dwar il-piena. Fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx li jkunu introdotti dokumenti ohra li ma kinux jezistu qabel fil-process. Se mai dawn setghu gew esebiti waqt l-istruttorja innifisha.**
>
> **Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi kif gej:**
>
> **(1) Qed tichad li jkunu annessi partijiet tal-process imsemmi f'dan l-istadju tal-guri.**
> **(2) Qed taghti l-fakolta' li jittellghu kemm l-Assistent Kummissarju Neil Harrison kif ukoll is-sur John Sultana bhala xhieda strettament ghall-finijiet ta' piena biss u bl-ebda mod biex jinfetah il-mertu tal-kaz."**

**34**. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva illi l-appellant fit-talba maghmula minnu fir-rikors ta'l-appell ma jitlobx ir-revoka tad-digriet tal-Ewwel Qorti hawn fuq iccitat tas-26 ta' Novembru 2012 ghalkemm jikkritikah bil-qawwa f'dan l-aggravju, fejn allura jinvoka ukoll l-applikazzjoni tal-artikli 506 u 507 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-Qorti tordna l-produzzjoni tad-dokumenti minnha mitluba. Izda anke hawnhekk, l-appellant, fl-ebda stadju tal-proceduri, ma ghamel talba formali sabiex dan isehh, ghalkemm iressaq talba simili fir-rigward tal-atti tal-kumpilazzjonijiet kontra Raymond Pace u Sandro Psaila u Raymond Caruana, liema talba kienet milqugha minn din il-Qorti. Dan ifisser illi din il-Qorti hija prekluza milli tissindaka d-diskrezzjoni tal-Qorti kif ezercitata fid-digriet taghha issa in kontestazzjoni ladarba ma tressqet

l-ebda talba formali ghar-revoka ta' l-istess. Fuq kollox is-setghat moghtija lill-Qorti Kriminali u dan meta jkun hemm ammissjoni huma cirkoskritti fl-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali li sfortunatament qatt ma gie emendet sa mill-1909 sabiex ghalhekk illum il-posizzjoni tal-akkuzat fir-rigward tal-produzzjoni ta' provi marbuta mal-piena, meta jirregistra ammissjoni quddiem il-Qorti Kriminali u dan fil-bidunett tal-guri, hija differenti minn meta tigi irregistrata tali ammissjoni fi stadju kumpilatorju. Din id-distinzjoni tohrog minn dak dispost fl-artikoli 453 u 392B tal-Kodici Kriminali. Illi l-artikolu 453 jiddisponi illi:

> **(1) Jekk l-akkużat, bħala tweġiba għall-mistoqsija ligħandha ssir skont l-artikolu 450, jistqarr li hu ħati tar-reat, il-Qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jarġa' lura minnha. Iżda jekk l-akkużat jibqa' jtenni dik it-tweġiba, din it-tweġiba tiġi irreġistrata u l-qorti tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat.**

U allura "*sakemm hija vigenti l-ammissjoni ta' l-akkuzat ......, l-unici sottomissjonijiet li setghu isiru proceduralment kienu dawk relattivi ghall-piena, u certament mhux ghall-htija ammenoche ma tigix qabel kontestata dik l-ammissjoni tieghu precedenti, jekk b'xi mod tista' jew setghet tigi kontestata.*[5]"

**35**. Illum l-Att IV tal-2014 li dahhal l-artikolu tal-ligi l-gdid 392B(4) fil-Kodici Kriminali, jaghti setghat iktar wiesgha lill-Qorti Kriminali u dan meta tkun giet saret ammissjoni quddiem il-Qorti Istruttorja ghal reat li jgorr piena li teccedi t-12-il sena prigunerija fejn l-atti jridu necessarjament jigu rimessi ghall-gudizzju tal-qorti superjuri. Qabel ma tghaddi ghad-decizjoni taghha fuq il-piena, il-Qorti:

---

[5]Repubblika ta' Malta vs Carmel Attard – 26/04/2001 App.Sup.

> **"għandha, ex officio, jew wara talba mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat, tisma' dawk il-provi li jidhrilha li huma rilevanti għall-fini ta' piena, u, wara li tisma' s-sottomissjonijiet dwar il-piena mill-Avukat Ġenerali u mill-akkużat, tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra l-akkużat li jinsab ħati tar-reat."**

**36.** Madanakollu ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti cahdet it-talba tad-difiza li tressaq il-provi, u dan biss fir-rigward tal-piena, tant illi id-difiza thalliet tressaq bhala xhieda kemm lill-Assistent Kummissarju Neil Harrison, lil John Sultana stess u sahansitra anke lill-akkuzat li nghata l-opportunita' li jixhed u jispjega ir-rwol tieghu f'din il-kongura kriminali sabiex il-Qorti setghet tkun f'posizzjoni ahjar li tikkalibra l-piena fid-dawl ta' din ix-xiehda. Jidher illi dan kien l-iskop tad-difiza wara din it-talba u cioe' sabiex jigi spjegat lill-Qorti x'kien l-involviment tal-appellant meta mqabbel ma' dawk tal-komplici tieghu, fatt illi hareg kemm mix-xiehda ta' Harrison kif ukoll tal-appellant stess. Tant hu hekk illi fil-kors tas-sottomissjonijiet finali, l-abbli difensur tal-appellant ighid hekk:

> **"... ahna insostnu li f'dan il-kaz Sultana kien iddepona b'mod partikolari u illum nahseb bix-xiehda li ta s-Sur Harrison u bix-xiehda tas-Sur Desira huwa evidenti u car illi dak li stqarr Sultana f'dan il-process ma jirriflettiex ir-realta' ta' x'inhu r-rwol ezatt ta' Desira."**

**37**. Issa jekk id-difiza riedet tuza xi tattika differenti sabiex tohrog din il-prova ma jfissirx necessarjament illi tali prova ma thallietx illi ssir. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ghan tad-difiza xortawahda intlahaq kif inghad bix-xiehda ta' dawn it-tnejn minn nies, kif mistqarr mid-difensur stess fil-kors tat-trattazzjoni orali. Fuq kollox id-difiza kellha kull oppportunita` tressaq lil Sultana jixhed billi thalliet taghmel dan, sabiex taghmillu dawk il-mistoqsijiet kollha li dehrilha

xieraq fic-cirkostanzi. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

**L-aggravju dwar il-piena**

**38.** Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, wara li esponiet b'mod dettaljat l-argumenti li saru kemm mid-difiza kif ukoll mill-Avukat Generali ghaddiet biex taghmel konsiderazzjonijiet dettaljati fir-rigward tal-*quantum* tal-piena li kellha tigi erogata. Inghad hekk fid-decizjoni impunjata:

> **"Is-sottomissjonijiet tad-difiża fil-qosor kienu dawn:**
>
> **(1) Illi l-akkużat għamel ammissjoni bikrija;**
>
> **(2) Illi l-akkużat kellu biss 26 sena meta seħħ ir-reat u kien l-iżgħar fost numru ta' persuni li kienu involuti fit-twettiq tar-reat.**
>
> **(3) Illi huwa akkużat ta' żewġ kapi biss u mhux bħall-oħrajn li kellhom jirrispondu għal erba' kapi komuni u kap ieħor kull wieħed minħabba importazzjoni ta' sustanza pprojbita f'okkażjonijiet oħra. Għalhekk fil-każ tagħhom kien japplika l-artikolu 17(b)**
>
> **(4) Illi fil-każ tal-akkużat japplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.**
>
> **(5) Illi fiż-żmien li seħħ l-akkużat ma kellux preċedenti oħra bħalma kellhom it-tnejn l-oħra**
>
> **(6) Illi x-xhieda li ta John Sultana a fol 164 ma kinitx identika ma' dik li huwa ta fi proċeduri oħrajn li saru wara li kien ħareġ l-Att tal-Akkuża tal-lum;**
>
> **(7) Illi r-rwol li kellu l-akkużat kien ta' persuna li ġiet użata minħabba li ma kellux l-esperjenza tal-persuni loħrajn. Huwa safa mqarraq meta kellu jitla' waħdu għall-vjaġġ minħabba skuża li, meta wieħed iħares lura, jinduna bil-makakkerija li kienet qed tintuża sabiex jinqdew bih. Li l-akkużat ma ffinanzjax ix-xiri tad-droga iżda huwa kellu rwol minimu.**
>
> **(8) It-trapass taż-żmien minħabba li l-Avukat Ġenerali fl-14 ta' Jannar 2005 kien talab li ma jsirx il-ġuri minħabba li kellu bżonn ta' aktar**

xhieda in konnessjoni mal-każ. Għalhekk issa kienu għaddew għadd ta' snin oħra sabiex jinstema' l-ġuri.

(9) Li wieħed irid iqabbel il-pieni li kienu ngħataw Joseph Borg u John Sultana u janalizzhom biex jikkonkludi li x'piena għandha tingħata.

Min-naħa l-oħra L-Avukat Ġenerali issottometta

(1) Illi r-rwol li kellu l-akkużat kien wieħed importanti wkoll jekk ma kienx iffinanzja x-xiri tad-droga. Huwa veru li omissis kellu diversi sorsi li setgħu jfornuh iżda omissis ma kien jagħmel xejn mingħajr il-parteċipazzjoni attiva tal-akkużat. Dan ipparteċipa volontarjament biex idawwar lira żejda. Huwa ħa ħsieb it-twettiq tar-reat billi tella' l-flus l-Olanda. M'hemmx dubju li l-akkużat kien fil-livelli ta' fuq fl-organizzazzjoni ta' dan ir-reat.

(2) It-tixrid tad-droga jinħtieġ deterrent qawwi għalih u f'dan il-każ il-purita' kienet ta' 88%. In-numru ta' pakketti li setgħu jinħarġu mill-ammont ta' 1941.2 grammi ta' kokaina kien immens.

(3) Huwa tassew li John Sultana ma xehedx il-verita' kollha iżda dan ma jfissirx li kulma qal kien gidba. Jirriżulta li ħa l-ħlas tad-droga ġewwa l-Olanda l-akkużat waqt li Sultana imbagħad ħa ħsieb iġibha Malta.

(4) L-akkużat ma jistax jgħid li kien żgħir fl-eta' għax ta' 26 sena wieħed ikollu diġa' l-esperjenza tal-ħajja.

(5) Fil-każ tal-akkużat ma japplikax l-artikolu 29 tal-Kap 101.

(6) Għall-akkużat m'hemm ebda redeeming feature.

Fil-konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset dan li ġej:

(a) Li saret ammissjoni bikrija qabel il-formazzjoni tal-ġuri.

(b) Li fil-każ tal-lum japplika l-artikolu (17h) tal-Kap 9 u għalhekk qed tqis li l-ewwel Kap għandu jitqies bħala mezz għall-fini għat-tieni Kap.

(ċ) Li m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9;

(d) Li f'dak iż-żmien l-akkużat ma kellux preċedenti oħrajn.

(e) Dwar ir-rwol tal-akkużat – li kien il-fulcrum tas-sottomissjonijet tad-Difiża u tal-Prosekuzzjoni - il-Qorti mhux biss eżaminat il-proċess iżda tat każ kemm ta' dak li xehed l-Assistent Kummissarju kif wkoll ta' dak li xehed l-istess akkużat. L-ewwelnett skont il-Liġi ta' sitta u għoxrin sena m'għadekx minorenni. Xi ftit tal-esperjenza jkollok. It-tieni kien ċar li l-akkużat kien jaf x'qed jagħmel u, skont ma qal kien ser idaħħal is-somma ta' Lm2000 u dan fis-sena 2001 (li llum ġġib madwar Lm2,400). It-tielet huwa veru li ntużat makakkerija biex għamel il-vjaġġ waħdu u għalhekk min iffinanzja ma jidhirx, iżda mexa pass, pass ma' kif qalulu jivvjaġġja biex ma jillandjax fl-Olanda. Ir-raba', mingħajr it-twassil tal-flus mill-akkużat biex tinxtara d-droga, kieku ma kienx jista' jseħħ il-pjan. Fil-fehma tal-Qorti r-rwol tal-akkużat kien wieħed importanti ħafna u bl-ebda mod m'hu ser taċċetta li kellu xi rwol passiv. Lanqas jekk ix-xhieda ta' John Sultana ma kinitx eżatt fid-darbtjen li xehed, il-verita' ma tistax titbiddel – l-akkużat kien strumentali biex twasslu l-flus; ħalli wara din id-droga inġiebet Malta minn Sultana. Inutli toqgħod tqabbel ir-rwol ta' dak u tal-ieħor – li wieħed daħal għal biċċa xogħol bħal din huwa kompliċi fir-reat sħiħ u mhux f'biċċa minnu. Jirriżulta wkoll li meta ddaħħlet id-droga l-akkużat kien fil-viċinanzi għaddej bil-karozza. Dan huwa fattur ieħor li juri li l-akkużat kellu sehem attiv ferm.

(f) f'dan il-każ ma japplikax l-artikolu 29 tal-Kap 101 għax l-akkużat m'għenx lill-Pulizija taqbad lil xi ħadd u lanqas ikkopera b'xi mod. L-applikazzjoni ta' dan l-artikolu dejjem ikollhu effett fuq il-piena.

(g) li l-ammont ta' kokaina huwa serju u l-purita' tagħha tħassbek sew.

(h) illi tqabbel kemm tqabbel il-pieni, il-Qorti fl-aħħar trid mhux biss tara l-parametri tal-Liġi, iżda wkoll , f'kull każ, x'piena għandha tingħata.

(i) Id-difiża semmiet ukoll it-trapass ta' żmien. Issemmew is-sentenzi tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din ħafna drabi tagħti kumpens żgħir għad-dewmien fil-proċeduri jew inkella tiddeċiedi li s-sejba ta' vjolazzjoni hija biżżejjed jew 'just satisfaction'. Hawn l-Avukat Ġenerali talab żmien aktar biex ikun jista' jtella' xhieda oħrajn u kellu raġun jagħmel dan għax l-Avukat Ġenerali qiegħed hemm biex jieħu ħsieb il-liġi. Dan kien ta' inkonvenjent għall-akkużat u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel temperament fil-quantum tal-multa.

**39**. Wara dan l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' 18-il sena prigunerija u multa ta' €46,800.

**40**. Illi l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha dwar il-piena huma sintomatici ta' kull process penali fejn l-akkuzat jammetti l-htija tieghu b'mod specjali fi stadju bikri tal-proceduri, sabiex b'hekk jevita hafna hela ta' hin u risorsi kemm umani kif ukoll finanzjarji fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. Dan ma ghandux ifisser madanakollu illi min ma jammettiex ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghandu b'xi mod jigi penalizzat proprju ghaliex huwa dritt ta' kull persuna akkuzata b'reat kriminali illi tikkontesta l-akkuzi u tiddefendi ruhha skont il-ligi. Jidher illi l-Ewwel Qorti qieset bhala fatturi mitiganti l-fatt illi giet registrata l-ammissjoni u l-fedina penali kwazi nadifa tal-hati. Madanakollu billi qieset illi r-rwol tal-appellant kien wiehed sinjifikanti f'dan ic-cirku kriminali fejn d-droga kokajina ta' kwazi zewg kilos, kellha purita` gholja u rat illi l-appellant ma ghenx lill-pulizija fl-investigazzjonijiet sabiex b'hekk lanqas kien hemm l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.101 fil-konfront tieghu, allura hasset illi l-piena ma setghetx tkun wahda miti.

**41**. Illi l-Ewwel Qorti donnha ghamlet enfasi kbira fuq ir-rwol li kellu l-appellant f'din l-assocjazzjoni kriminali. Dan ghaliex kien fattur illi kemm id-difiza kif ukoll l-Avukat Generali ghamlu enfasi kbira fuqha tant illi anke nstemghu xi xhieda biex jigi spjegat lill-Qorti dan ir-rwol. Id-difiza riedet taghmel paragun bejn ir-rwol tal-appellant u dak tal-komplici tieghu fil-kommissjoni tar-reat fosthom John Sultana u Joseph Borg, kif ukoll Hasan Ben Salah. Fil-fehma taghha l-Ewwel Qorti kellha allura tikkalibra il-piena b'tali mod illi ma jkunx hemm diskrepanza bejn is-sentenzi tal-komplici u tal-appellant. Illi anke issa fi stadju ta' revizjoni, fil-lanjanza minnha imqanqla, id-difiza terga' taghmel enfasi fuq id-disparita' fil-piena erogata fil-konfront tal-appellant u dik

tal-komplici tieghu. Dan ghaliex il-piena li wehlu dawn in-nies kienet inqas minn dik tal-kundanna ta` l-appellant mill-Ewwel Qorti.

**42.** Il-Qrati Inglizi kellhom okkazjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-gurisprudenza wiehed jista' jislet linji gwida, li dawn il-qrati spiss jaghmlu referenza ghalihom u jimxu fuqhom. Fil-Blackstone's Criminal Practice, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

> **"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.**

**"Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:**

**"'There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.'"**

**43.** Archbold, fil-*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

**"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?' (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some**

**authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied.[6]"**

**44.** Illi fis-sentenza "Ir-Repubbblika ta' Malta vs Brian Godfrey Bartolo" il-Qorti wara li ccitat dan il-bran mill-Blackstone u dan dwar il-kuncett tad-disparita' fis-sentenzi qalet hekk :

**"Dak li trid tezamina din il-Qorti, pero`, huwa jekk il-piena moghtija lill-appellant kenitx wahda severa wisq fic-cirkostanzi jew jekk dik kontra Aldo Saliba tistax titqies bhala miti wisq. Dak li certament mhuwiex accettabbli ghal din il-Qorti hu li biex tirriduci sentenza wahda tohloq sitwazzjoni fejn ikun hemm "two, rather than one, over-lenient penalties".**

**45.** Ghalhekk din il-Qorti trid, l-ewwel u qabel kollox, tistaqsi lilha nnifisha: il-piena erogata fil-konfront tal-appellant odjern kienet "***the right sentence***", tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-antecedenti tieghu, l-ammissjoni u ir-rwol li kellu f'dan ic-cirku kriminali?

**46.** Illi din il-Qorti llum ghandha linji gwida li ghalkemm iservu biss ghall-fini ta` direzzjoni ghalbiex jigi deciz jekk il-persuna akkuzata ghandhiex tigi gudikata mill-qrati superjuri jew dawk inferjuri ghar-reat lilha addebitat, madanakollu jixhtu dawl fuq il-gravita' o meno tac-cirkostanzi li jkunu wasslu ghall-azzjoni penali. Dawn il-linji gwida difatti gew introdotti bl-Att XXIV tal-2014 u kienu mfassla mil-legislatur abbazi tal-linji gwida mahruga mis-Sentencing Council fl-

[6] Ir-Repubbblika ta' Malta vs Duncan Scerri deciza App.Sup. 05/03/2015

Ingilterra u dan bis-sahha ta'l-artikolu 120 tal-Coroners and Justice Act 2009, imsejha "Drug Offences Definitive Guideline". Dan ghaliex hemm xebh kbir bejn il-linji gwida fil-ligi nostrana u dawk tal-qrati inglizi u dan ghall-fini ta' piena fir-reati dwar pussess u traffikar ta' droga jew sustanza illecita ohra. Illi fis-Sentencing Guidelines inghad illi:

> ***"The court should determine the offender's culpability (role) and the harm caused (quantity) …. In assessing culpability, the sentencer should weigh up all the factors of the case to determine role[7]."***

**47**. Dan huwa rifless fir-Raba Skeda annessa mal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u marbut mal-artikolu 22 tal-istess ligi, fejn jinghad illi l-Qorti ghandha, qabel xejn, tqis il-hsara attwali jew il-hsara potenzjali ikkawzata mir-reat li bih il-persuna akkuzata tkun qed tigi addebitata, fejn allura l-kwantita tad-droga, izda mhux il-purita` taghha, ghandha tkun il-konsiderazzjoni ewlenija biex titkejjel dik il-hsara. Ma` dan imbaghad irid jittiehed kont tar-rwol li kellu l-akkuzat fil-kommissjoni tar-reat u cioe' jekk huwa kellux involviment principali, sinjifikanti jew inkella rwol izghar – u allura l-elementi ta' ***culpability*** u ***harm*** indikati fil-linji gwida Nglizi fejn allura il-gudikant huwa iggwidat sabiex jara illi:

> ***Where there are characteristics present which fall under different role categories, the court should balance these characteristics to reach a fair assessment of the offender's culpability. In assessing harm, quantity is determined by the weight of the product. Purity is not taken into account …."***

**48**. Illi ghalhekk ghalkemm il-purita` tad-droga fil-kaz in dizamina kien wiehed gholi ferm, madanakollu dak li kellha tqis l-ewwel u qabel kollox l-

---

[7] http://www.sentencingcouncil.org.uk/wp-content/uploads/Drug_Offences_Definitive_Guideline_final_web1.pdf

Ewwel Qorti kien l-ammont ta' droga nvoluta u r-rwol li kellu l-appellant fl-assocjazzjoni kriminali, bil-purita` imbaghad titqies biss bhala cirkostanza aggravanti.

**49**. Illi anke dwar dak li huwa r-rwol tal-akkuzat ir-Raba Skeda taghmel is-segwenti distinzjoni bejn 'rwol prinċipali', 'rwol sinjifikattiv' jew 'rwol iżgħar' fit-twettiq tar-reat.

> **Ir-rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:**
>
> **• li l-akkużat organizza jew ordna x-xiri u l-bejgħ ta' droga fuq skala kummerċjali;**
> **• li l-akkużat kellu konnessjonijiet sostanzjali għal u influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra f'ċirku;**
> **• li l-akkużat kellu konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-drogi;**
> **• li l-akkużat għamel qligħ finanzjarju sostanzjali jew kellu aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali;**
> **• li l-akkużat uża negozju leġittimu biex jaħbi x-xiri jew il-bejgħ tad-drogi;**
> **• li l-akkużat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja jew ta'responsabbiltà sinjifikanti fit-twettiq tar-reat, per eżempju meta l-akkużat ikun impjegat tal-ħabs jew professjonista legali jew mediku.**
>
> **Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:**
>
> **• li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;**
> **• li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;**
> **• li l-akkużat kien motivat bill-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;**
> **• li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;**
> **• li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.**

**Ir-rwol Iżgħar fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:**

- **l-akkużat ġie mqabbad minn oħrajn sabiex iwettaq ir-reatpermezz ta'pressjoni, theddid jew intimidazzjoni;**
- **li l-akkużat ġie involut fit-twettiq tar-reat minħabba l-inġenwità tiegħu jew minħabba li ġie sfruttat minn oħrajn;**
- **li l-akkużat ma kellux influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku;**
- **li l-akkużat kellu ftit, jekk kien hemm, għarfien rigward il-kobor tal-operazzjoni;**
- **li meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha jkun raġonevoli li jiġi konkluż illi l-akkużat kien involut fit-twettiq tar-reat sabiex jieħu d-droga biss, għall-użu personali tiegħu;**
- **li l-akkużat ma għamel l-ebda gwadann finanzjarju mir-reat, per eżempju f'każijiet li jinvolvu x-xiri komuni ta' kwantità minima mingħajr l-ebda qligħ jew sabiex titqassam kwantità minima bejn il-ħbieb fuq bażi mhux kummercjali**

**50**. Illi minn ezami tal-atti processwali ghandu johrog illi f'din il-kongura kriminali kien hemm involuti diversi persuni, bil-mohh wara din l-operazzjoni ta' importazzjoni u traffikar ta' droga jkun certu Guzeppi/Joseph Sacco li kien ko-akkuzat mal-appellant, izda li miet fil-mori tal-proceduri. Irrizulta ukoll illi l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali fl-Att tal-Akkuza ma kenux jaqblu ezattament mal-fatti kif verament sehhew. Dan ghaliex jidher illi Sacco kien il-persuna illi ffinanzja dina l-organizzazzjoni kriminali u allura kien inkariga lill-appellant sabiex jaghmel kuntatt ma' certu John Sultana, li kien xufier bit-*trailers,* biex tkun tista` tigi mportata d-droga gewwa Malta. L-appellant fil-fatt jikkontendi illi huwa dejjem mexa fuq struzzjonijiet li tah Joseph Sacco, u allura ghamel kuntatt ma' Sultana kif mitlub, u kien il-persuna li erhilha lejn l-Olanda b'ammont ta' flus li huwa kellu ighaddi lill-fornitur ghall-akkwist tad-droga, kif ordnat, liema fornitur kien injot sa dak il-mument ghall-appellant. Kien John Sultana mbaghad li ltaqa' ma' Ben Salah, li kkonsenjalu d-droga, u li kellu jiehu hsieb jittrasportaha fuq il-vapur "Zebbug" tas-Sea Malta, billi hbieha fit-*toilet*

tax-xufiera fuq il-vapur. Mal-wasla tieghu gewwa Malta, imbaghad kien Joseph Borg, persuna li l-appellant ma kellux konoxxenza tieghu, li kien gie inkarigat sabiex jiehu sehem f'din l-operazzjoni minn John Sultana, billi kien impjegat tas-Sea Malta, li tela' fuq il-vapur sabiex b'hekk hareg id-droga fil-gakketta tieghu, liema droga kif inghad kienet mistura minn Sultana fit-*toilets* tal-vapur. Wara dan Borg kellu jerga' jikkonsenja d-droga lil Sultana li min-naha tieghu kellu jhallsu tal-involviment tieghu f'din l-operazzjoni, biex imbaghad Sultana ighaddieha lil Sacco. Il-fornitur tad-droga fl-Olanda kien certu Hasan Ben Salah, liema persuna jidher li kienet involuta fix-xena tal-importazzjoni tad-droga lejn Malta ghal snin twal. F`dan l-isfond allura jidher illi r-rwol li kellu l-appellant kien jixbah lil dak tal-*middleman* u cioe' kien il-holqa f'din il-katina bejn il-finanzjatur/importatur, il-fornitur u t-trasportaturi, u li kien qed jagixxi fuq l-istruzzjonijiet mill-mohh wara dan ir-reat. Ghal dan ix-xoghol l-appellant kellu jircevi s-somma ta' Lm2000. Fl-ebda hin matul din l-operazzjoni ma jidher illi d-droga giet f'idejn l-appellant. Illi minn dan kollu allura jirrizulta illi r-rwol li kellu l-appellant kien jaqa' fil-kategorja mfassla fir-Raba Skeda ta' persuna b'rwol sinjifikanti, ghalkemm mhux principali, bl-ammont ta' droga li tigi importata tkun ta' 1941.2 grammi ta' droga kokajina, bl-aggravanti tal-purita' ferm gholja.

**51**. Illi fortunatament din l-operazzjoni kriminali kienet intercettata mill-pulizija sabiex b`hekk id-droga ma sabitx ruhha fis-suq lokali. Kienu arrestati l-erba' minn nies involuti: u cioe' Sacco, l-appellant, Borg u Sultana. Ben Salah ingieb Malta iktar tard bis-sahha ta' Mandat ta' Arrest Ewropew u kien ukoll processat mhux biss in konnessjoni ma' l-assocjazzjoni u importazzjoni mertu ta' dan il-kaz, izda ukoll b'assocjazzjonijiet ohra li sehhew bejn il-perijodu tal-05 ta' Gunju 1995 u l-25 ta' Lulju 2005 u cioe' f'perijodu ta' ghaxar snin shah.

**52**. Illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Marzu 2009, Hasan Ben Salah kien ikkundannat ghal piena ta' 20 sena prigunerija u multa ta' €50,000 u dan wara ammissjoni registrata minnu. Joseph Borg u John Sultana tressqu ukoll il-Qorti u ammettew ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom bl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 jigi applikat biss fil-konfront ta' Joseph Borg. Dan kien ukoll akkuzat bl-importazzjoni tar-raza tal-cannabis. John Sultana kien akkuzat ukoll bl-importazzjoni tad-droga erojina. B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Lulju 2004, Joseph Borg kien ikkundannat ghal piena ta' 13-il sena prigunerija u multa ta' Lm20,000, filwaqt li Sultana kien misjub hati ukoll li kien recediv u kien ikkundannat ghal piena ta' 14-il sena prigunerija u multa ta' Lm22,000. Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar kif wasslet ghall-piena inflitta fuq dawn it-tnejn minn nies il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> **"…. din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li f'dan il-kaz si trattava ta' kwantita` ta' 1941.2 grammi kokajina ta' purita` ta' circa 88% (fol.213 tal-process) fil-kaz taz-zewg hatja, apparti li l-hati Borg kien involut ukoll fi taffikar ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis u l-hati Sultana kien ukoll involut fl-importazzjoni ta' erojina. Qieset ukoll li d-delitti ammessi mill-hatja qed ikun ta' pjaga kbira ghas-socjeta` Maltija w ta' kawza ta' rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zghazagh, li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq daharhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jaghmlu qliegh kbir ta' flus."**

**53**. Illi din id-decizjoni giet ikkonfermata minn din il-Qorti kif diversament komposta fejn gie mistqarr:

> **... il-pieni ma jistghux ikunu miti zzejjed b'mod li ma jservux ta' deterrent biex tigi protetta s-socjeta`. Wara kollox min ikun ippartecipa f'reati bhal dawk in dizamina ma jkunx qaghad jikkunsidra l-hsara li d-droga involuta tkun se taghmel lil min juzaha; dak li jinteressah huwa kemm se jaqla'. Barra minn hekk il-pieni ghandhom ukoll skop ta' deterrent generali u din il-Qorti trid turi li crime does not pay u li min jigi dikjarat hati ta' ghemilu jrid jirrispondi ghal dak l-ghemil skont il-ligi."**

**54**. Issa għalkemm il-Qrati tagħna dejjem ħadu l-linja illi l-paraguni bejn sentenza o oħra huma odjuzi u kemm jista' jkun għandhom jiġu evitati, madanakollu dan l-insenjament għandu isib applikazzjoni f'dawk il-każijiet li ma jkunux konnessi ma' xulxin. Illi allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kellha necessarjament tħares lejn il-pieni li ġew erogati fil-konfront tal-kompliċi tal-appellant fil-kummissjoni tar-reat li wassal għal din l-operazzjoni kriminali billi r-rwol tal-appellant ċertament ma jistax jingħad li kien iktar oneruż minn ta' dawn it-tlieta min-nies.

**55.** Illi għalkemm akkużati f'proċeduri kriminali oħra, xortawaħda dawn il-kompliċi kellhom jitqiesu daqslikieku kienu ko-akkużati, bil-proċeduri penali fil-konfront ta' Sultana, Borg u Ben Salah jiġu deċiżi ferm qabel dawk tal-appellant, konsiderazzjoni oħra li fil-fehma ta' din il-Qorti kellha ukoll tiġi approfondita' fl-erogazzjoni tal-piena f'dan il-każ. Dan għaliex il-ġuri kellu jistenna snin sħaħ biex jiġi appuntat għas-smigħ minħabba illi l-ko-akkużat Sacco ried iressaq bħala xhieda lil ċertu Simon Xuereb u Norman Bezzina li kellhom proċeduri pendenti kontra tagħhom u allura ma setgħux jiddeponu qabel jintemmu dawk il-proċeduri. Fil-fatt wara talba ta' Sacco l-ġuri tħalla *sine die* b'digriet tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Ottubru 2006. Kien biss wara talba ta' l-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Ġunju 2012, u allura kważi sitt snin wara, li l-ġuri rega` kien appuntat għas-smigħ. Dan x'aktarx seħħ għaliex Sacco miet fit-18 ta' Awwissu 2011, madwar sena qabel. Wara li l-appellant jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti fuq din it-talba, il-ġuri jiġi appuntat għas-smigħ finalment għas-26 ta' Novembru 2012 u cioe' 12-il sena wara li seħħ il-każ, fejn l-appellant minnufih jirreġistra l-ammissjoni tiegħu. Mill-fedina penali tal-appellant imbagħad jidher illi f'dan it-trapass taż-żmien huwa kellu xi kundanni żgħar li kienu jinvolvu reati marbuta ma' sewqan perikoluż, ġarr ta' arma tan-nar mingħajr liċenzja tal-pulizija, u pussess sempliċi tad-droga kokajina.

**56**. Din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-kalibrazzjoni tal-piena kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni mhux biss il-fatturi elenkati mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata fosthom ir-rwol sinjifikanti li kellu l-appellant f'din l-kongura kriminali, izda ukoll fatturi ohra u cioe':

i. Illi l-komplici tal-appellant fil-kummissjoni tar-reat addebitat lilu wehhlu perijodu ta' prigunerija ferm inqas. Dan ghalkemm Sultana, li ukoll kellu rwol sinjifikanti f'din l-operazzjoni, kien misjub hati li kien recediv, kif ukoll hati ta' akkuza ohra marbuta mal-importazzjoni tad-droga erojina, Joseph Borg, ghalkemm fil-konfront tieghu gie applikat l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 b'zewg gradi, madanakollu ukoll gie misjub hati ta' reati ohra u cioe' tal-importazzjoni tar-raza tal-cannabis, kif ukoll illi kien persuna li wettaq dawn ir-reati b'abbuz tal-kariga ta' fiducja li kien jokkupa fi hdan is-Sea Malta, u finalment Hasan Ben Salah li kien il-fornitur ta' bosta konsenji ta' droga f'medda ta' ghaxar snin wehel biss sentejn aktar mill-appellant li gie misjub hati ta' assocjazzjoni f'importazzjoni wahda ta' droga.
ii. L-appellant kellu jistenna l-ezitu ta' proceduri penali fil-konfront ta' terzi persuni li maghhom huwa ma kellu l-ebda involviment f'dan il-kaz u dan ghaliex il-ko-akkuzat mieghu Guzeppi Sacco ried lil dawn in-nies jixhdu fil-guri. Illi huwa minnu illi l-appellant seta' esprima x-xewqa li jirregistra l-ammissjoni tieghu ferm qabel, izda mbaghad it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju setghet titressaq 'il quddiem biss mill-Avukat Generali. Mhux biss, izda l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali fl-Att tal-Akkuza, kif inghad, fil-fehma tad-difiza ma kienx qed jirrifletti r-rejalta u kwindi ghalkemm l-appellant jammetti r-reita' tieghu madanakollu dehrlu illi bil-fatti kif esposti mill-Avukat Generali, kif inghad, ir-rwol tieghu kien qed jidher bhala wiehed iktar determinant f'dan ic-cirku kriminali milli fil-fatt

kien u kien biss snin wara illi John Sultana xehed il-verita', kif ighid Neil Harrison fix-xiehda tieghu, u cioe' li kien hu li ghamel kuntatt ma' Ben Salah gewwa l-Olanda li minn naha tieghu ikkonsenjalu d-droga.

iii. Finalment ma kienx hemm ir-repetizzjoni ta' dawn l-offizi li bihom kien qed jigi mixli l-appellant f'dan il-perijodu twil taz-zmien.

**57.** Illi ghalkemm, l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni it-trapass twil taz-zmien fl-ikkalibrar tal-multa biss u dan in linja mad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja, madanakollu:

> **"t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.[8]"**

"Minn dan il-bran jinstiltu numru ta' konsiderazzjonijiet li din il-Qorti tikkondividi pjenament:

> **• li t-trapass taz-zmien ma jnaqqasx mir-responsabbilta` kriminali;**
>
> **• li l-hati li jkun hu stess ipprovoka tul ta' zmien biex jigu konkluzi l-proceduri ma ghandux jippretendi li jibbenefika minn tali trapass biex jigi agevolat fil-piena;**
>
> **• li l-hati li matul dan iz-zmien ma jkunx zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet ma ghandux lanqas jibbenefika minn tnaqqis fil-piena[9]."**

[8] Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et - 2/10/2002

[9] Ir-Repubblika ta' Malta vs Camelo Sant – 17/02/2011 App.Sup.

**58**. Stabbiliti dawn il-linji gwida gurisprudenzjali, din il-Qorti tqis illi l-appellant ma kellux x'jahti ghat-trapass taz-zmien f'dan il-process penali, u kif ukoll illi matul is-snin li damu ghaddejjin dawn il-proceduri, l-appellant fil-fatt zamm lura minn ksur serju tal-ligijiet ghalkemm kien hemm xi infrazzjonijiet.

**59**. Issa fil-kaz in dizamina l-piena massima hija dik ta' 30 sena prigunerija u dan bl-applikazzjoni ta' dak dispost fl-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ukoll f'dan il-kaz ma hemmx tnaqqis mahsub fl-artikolu 29 tal-Att, izda isib applikazzjoni l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali fir-rigward taz-zewg akkuzi, ma hemmx akkuza dwar recidiva u ma hemmx l-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali billi l-akkuzi huma marbutin kollha mal-istess fatti. Illi allura hija l-fehma ta' din il-Qorti, maghmula l-konsiderazzjonijiet surriferiti u dan meta imqabbla mal-kundanni li ircevew il-persuni li kienu komplici mal-appellant fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, liema pieni certament ma kenux miti, illi l-piena ta' 18-il sena prigunerija hija wahda kemmxejn gholja, tant illi allura hemm lok ghal temperament u dan biex issir gustizzja mal-appellant.

**60.** Illi finalment fir-rigward tar-raba' aggravju marbut mal-ispejjez inkorsi fil-perizji fl-istadju tal-Istruttorja, ghandu jinghad illi l-appellant kien gie mixli f'dawn il-proceduri flimkien ma' Guzeppi Sacco, li allura kien ko-akkuzat mieghu. Illi jirrizulta ukoll illi qatt ma intalbet is-separazzjoni tal-gudizzju mill-Avukat Generali sabiex b'hekk il-gudizzju baqa' wiehed in komuni ghaz-zewg ko-akkuzati. Jirrizulta ukoll illi fil-mori tal-proceduri Guzeppi Sacco gie nieqes sabiex b'hekk il-procediment fil-konfront tieghu kien dikjarat estint. Kwindi l-appellant ma ghandux jigi addossat bit-totalita' ta' dawn l-ispejjez li gew inkorsi izda ghandu ihallas biss sehmu u cioe' in-nofs fl-ammont ta' €626.

**61**. Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-tielet u ir-raba` aggravji, tghaddi ghalhekk biex tirriforma id-decizjoni appellata billi tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant hati, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda tvarja l-piena inflitta billi minflok dik ta' tmintax (18)-il sena prigunerija, tikkundannah ghal perijodu ta` tlettax-il (13) sena prigunerija, u tikkonferma l-multa inflitta fl-ammont ta' sitta u erbghin elf u tmien mitt Ewro (€46,800) liema multa ghandha tithallas fi zmien xahrejn (2) mil-lum, u fin-nuqqas tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi. Tvarja ukoll l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez peritali skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u tikkundanna lill-appellant ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija sitta u ghoxrin Ewro (€626) lir-Registratur tal-Qorti. Tikkonferma d-decizjoni appellata fil-bqija.

Ft.